# SAN FRANĠISK T'ASSISI U L-ART IMQADDSA

Qal Ġobb li l-ħajja tal-bniedem fuq l-art hija ġlieda. U jekk toqgħod taħseb ftit, tara kemm qal sewwa, għax il-ħajja tal-bniedem fuq l-art hija ġlieda tabilħaqq.

Issa, biex tagħleb lill-egħdewwa hemm żewġ xorta ta' għodod: hemm il-qawwa tal-ġisem u t-tisnin tas-sejf, u hemm it-tieba tal-qalb u l-ħlewwa ta' l-ilsien.

## Goffredu u San Franġisk

Mela, fi żmien San Franġisk, l-Insara, taħt ir-rajjes tagħhom Goffredu ta' Buljon, kienu marru l-Palestina biex Saleħ id-Din, u għaleb lill-Insara u keċċihom minn hemm.

Imbagħad mar San Franġisk, biex jirbaħ hu u jieħu taħt idejh l-Imkejjen imqaddsa, b'għodda xort'oħra minn ta' Goffredu ta' Buljon.

Bħalma Goffredu, rajjes il-ħarrieba Nsara kien ħa miegħu eluf kbar ta' nies biex jirbaħ l-Art Imqaddsa, San Franġisk ħa miegħu tliet Irħieb biss. Bħalma Goffredu kellu b'għodda għarrebħ qwâs u vleġeġ u sjuf u lbies ta' l-azzar, San Franġisk kellu l-Imħabba u l-Ħniena f'qalbu u l-Ħlewwa tal-



Il-Patrijarka San Franġisk t'Assisi jitlaq minn Ancona biex isiefer lejn il-Palestina. Jidher fl-istampa, jistaqsi tifel żgħir lil min fost ir-Rħieb kellu jieħu miegħu.

jirbħu u jġibu taħt idejhom l-Imkejjen Imqaddsa, jiġifieri, il-bliet ta' Ġerusalemm, Betlehem, Nazaret u dan. U ġebuhom, għall-ewwel, kollox sewwa. Imma, wara żmien qasir ħafna, dawn l-Insara ħżienu għall-aħħar u donnu li l-Bambin ma riedhomx aktar hemm. Għalhekk inqala' wieħed Għarbi, mislem, rajjes ta' tajfa kbira, raġel tajjeb wisq għad li ma kienx nisrani, jismu kelma ta' lsienu. Goffredu u sħabu marru rekbin fuq żwiemel mill-aħjar, u San Franġisk u sħabu marru bil-mixi, u jista' jkun xi ħadd rikkibhom xi naqra fuq xi għerq ta' ħmar.

## Melek il-Kâmel

San Franġisk kien għadu żagħżugħ ħafna meta siefer dis-safra lejn ix-Xerq. Mar hemm għall-ħabta tas-

snin 1219 u 1220, jiġifieri kellu xi tmienja u tletin sena. L-ewwel ma mar is-Sorija u minn hemm rikeb ġifen u rħielha lejn l-Eġittu. Hemm wissa ħafna lill-Insara li ma riedux jisimgħu minnu, u wara għadda għan-naħa tal-Misilmin (l-Insara dak iż-żmien kienu qegħdin jitqabdu ma' l-Għarab), u talabhom iħalluh ikellem lis-Sultan tagħhom, Melek il-Kâmel.

Min jaf kemm daħku l-kbarat Għarab jaraw dak it-tallab Nisrani, imċerċer, imkittef u magħlub, li jrid ikellem is-Sultan tagħhom!

Imma s-Sultan meta sema' bih qalilhom idaħħluh quddiemu. U s-Sultan u San Franġisk qagħdu jitkellmu flimkien. Mislem u Nisrani; Sultan u tallab; il-kburija tad-dinja u ċ-ċkunija tas-sema, qagħdu jitħaddtu u nġibdu lejn xulxin. Billi San Franġisk għarraf lis-Sultan li xtaq iżur l-Art Imqaddsa, is-Sultan taħ karta minn idejh fejn kitiblu li kien bagħtu l-Palestina hu, u amar lil kulħadd li kellhom jagħtuh kull ma jrid, u jħalluh iżur fejn irid bla ebda ħaraġ jew tfixkil.

U din kienet l-ewwel rebħa ta' San Franġisk fuq il-Misilmin Għarab.



**San Franġisk t'Assisi quddiem is-Sultan ta' l-Eġittu, Melek il-Kâmel, jitolbu jħallih jidhol Ġerusalemm.**

## Iż-Żerriegħa u l-Firxa

Hekk San Franġisk daħal il-Palestina u żar l-Imkejjen Imqaddsa. L-aktar li laqtulu qalbu ġewwa Ġerusalemm kienu l-Qabar ta' Kristu u ċ-Ċenaklu. Iċ-Ċenaklu, fuq Sijon, kien ħerba dak iż-żmien. Għalhekk, dabbar naqra ta' ġorboġ ma' ġenbu u bagħat iġib ir-Rħieb minn tiegħu mis-Surija, u ġiegħelhom jgħammru ġewwa fih. U hekk tefa' l-ewwel żergħa ta' l-Ordni tiegħu ġewwa l-Art Imqaddsa.

U hekk ġara li fejn ma rebħux is-Salibijin (kroċjati) bis-sejf u n-nar, rebaħ San Franġisk bil-ħlewwa u l-imħabba. Għax billi r-Rħieb Franġiskani, bħal San Franġisk missierhom, qalbhom tajba u rasħom jiebsa, la daħlu Ġerusalemm, ma ħarġux aktar minnha. Hemm baqgħu u hemm għadhom sal-lum. Mhux talli ma ħarġux, talli naqra naqra ġiebu taħt idejhom l-Imkejjen Imqaddsa qishom kollha, minn tarf sa tarf tal-Palestina. Jekk ikeċċuhom, wara ftit jerġgħu jiġu; jekk joqtluhom (bħalma ġara bosta drabi) wara naqra jiġu oħrajn flokhom. Ġugħ, għatx, swat, tgħajjir, xejn ma jista' għalihom.

**Jinsabu kullimkien**

Għalhekk saħansitra l-lum, meta tmur f'xi belt kbira tal-Palestina, malkbarat tal-Ħakma, għandek aktarx tara naqra ta' Raħeb Franġiskan, bil-leħja u mħażżem b'ħabel f'qaddu u flok żarbun naqra ta' qorq f'saqajh.

Imbagħad għandek ħila tkun għaddej bil-karrozza minn Ħajfa għal Nazaret u tifraq naqra ta' raħal maħmuġ u mħarbat (bħalma huma Jafa u l-Muġejdel) b'ħafna griebeġ mibnija mil-mazkan. F'nofshom tara dar żgħira ftit aħjar mill-oħrajn. Mill-bieb tagħha tara ħiereġ Raħeb ieħor, bħal dak ta' l-ewwel, bil-leħja, bil-ħabel f'qaddu u bil-qorq f'saqajh, u ma' dwaru qabda tfal żgħar, donnhom flieles madwar il-qroqqa, iżommu ma' djulu u mal-ħabel li mħażżem bih.

U f'qalbek tgħid: "Ara x'kull waħda! Dan x'inhu jagħmel hawn?"

U kieku jista' jisimgħek u jwieġbek: "Hawnhekk hawn il-ħwejjeġ tal-Bambin. Qiegħed nieħu ħsiebhom u nħarishom."

* * *

Għalhekk għedt mill-ewwel li dak li ma rebaħx Goffredu ta' Buljon bissejf u n-nar, rebħu San Franġisk bl-Imħabba u l-Kelma t-Tajba.

FRA MOSE', O.F.M.

---

# ~~GĦAQDA EWKARISTIKA~~

## ~~GĦALL-FIDWA TAĊ-ĊENAKLU MQADDES~~

## ~~MINN IDEJN L-INFIDILI~~

~~Iċ-Ċenaklu Mqaddes, jiġifieri l-Għorfa fejn Sidna Ġesù Kristu kiel għall-aħħar darba u għamel is-Sagrament ta' l-Artal u li fiha wkoll niżlet Ruħ il-Qodos fuq l-Appostli, issa ilha fuq erba' mitt sena f'idejn nies li m'humiex Insara.~~

~~Dak l-Imkien Imqaddes huwa ħwejjeġ il-Franġiskani. Fis-sena 1342, ir-Re u r-Reġina ta' Sqallija, Robertu d'Anjou u Sanċa, xtraw iċ-Ċenaklu u l-artijiet li jmissu miegħu minn għand is-Sultan ta' l-Eġittu Nâser Muħammed, u tawh lir-Rhieb Franġiskani. Ħallsu tiegħu 32,000 dukat, li fi flus tal-lum jagħmlu ma' dwar il-£15,000. Il-Misilmin tardu minn hemm lill-Franġiskani fis-sena 1551 u ma reġgħux tawhulhom.~~

~~Issa, minn ftit snin 'il hawn, iċ-Ċenaklu qiegħed f'idejn il-Lhud, li għamluh Sinagoga. M'għandhomx x'jambuh, għax Sinagogi għandhom ħafna. Għalhekk hemm naqra tat-tama li jerġgħu jagħtuh lil min hu tassew sidu: il-Patri Kustodju tat-"Terra Santa".~~

~~Iċ-Ċenaklu Mqaddes huwa l-ewwel knisja ta' l-Insara, għalhekk jissemma Omm il-knejjes kollha. Għalhekk fittex inkiteb fil-Għaqda Ewkaristika, ħalli bit-talb tiegħek flimkien mat-talb ta' eluf ta' nies oħra, Alla imiss il-qalb tal-Ħakma Lhudija u ċ-Ċenaklu jarġa' jintradd lill-Insara. Mur itlob formola tal-"Għaqda Ewkaristika" minn għand il-Kummissarju tat-"Terra Santa", il-Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.~~